A.L. 70 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI (KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar Lista ta' Użu Intiż għal Ħwejjeġ ta' l-Ikel għall-Annimali għal Għanijiet Nutrittivi Partikolari

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 26 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli huwa Regoli ta' l-2005 dwar Lista ta' Użu Intiż għal Ħwejjeġ ta' l-Ikel għall-Annimali għal Għanijiet Nutrittivi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kummissjoni ta' l-Unjoni Ewropea 94/39/KEE li tistabilixxi lista ta' kull użu intiż għall-ħwejjeġ ta' l-ikel għall-annimali għal għanijiet nutrittivi partikolari.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli:

"l-awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji f'Malta kif provdut taħt l-artikolu 2 tal-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

Tqegħid fis-suq ta' ħwejjeġ ta' l-ikel intiżi għal għanijiet nutrittivi partikolari.

3. (1) Ħwejjeġ ta' l-ikel intiżi għal għanijiet nutrittivi partikolari skond id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 93/74/KEE għandhom jitqegħdu f' Malta biss jekk l-użu intiż tagħhom huwa inkluż fil-Parti B ta' l-Iskeda li tinsab ma' dawn ir-regoli u jekk jitħarsu d-disposizzjonijiet l-oħra mniżżla f' dik il-Part ta' l-Iskeda.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura illi l-provvedimenti taħt 'Disposizzjonijiet Generali' tal-Parti A ta' l-Iskeda jiġu mħarsa.

SKEDA

PARTI A
Dispożizzjonijiet Generali

1. Fejn hemm iktar minn grupp wieħed ta' karatteristici nutrittivi indikati f'kolonna 2 ta' Parti B, mnizzla b' 'u/jew', għall-istess raġuni nutrittiva, il-manifattur għandu l-għażla li juża' xi wieħed jew iż-żewġ gruppi ta' karatteristici essenzjali, sabiex jilħaq l-għan nutrittiv definit f'kolonna 1.
Għal kull għażla d-dikjarazzjonijiet fuq it-tikketta relattivi huma indikati fin-naħa opposta f'kolonna 4.

2. Fejn grupp ta' addittivi huwa msemmi f'kolonna 2 jew kolonna 4 ta' Parti B l-addittiv(i) użati għandhom ikunu awtorizzati skond id-Direttiva tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 70/524/KEE skond kif jikkorrispondu mal-karatteristici essenzjali speċifikati.

3. Fejn is-sors(i) ta' ingredjenti jew tal-kostitwenti analitiċi huwa (huma) mitluba f'kolonna 4 ta' Parti B, il-manifattur għandu jagħmel dikjarazzjoni preċiża (eż isem speċifiku tal-ingredjent(i), speċje ta'annimal jew parti tal-annimal li tippermetti evalwazzjoni tal-konformità tal-prodott tal-ikel mal-karatteristiċi nutrittivi essenzjali relattivi.

4. Fejn dikjarazzjoni ta' sustanza, awtorizzata wkoll bħala addittiv, hija rikjesta f'kolonna 4 ta' Parti B u hija akkumpanjata mill-espressjoni 'totali' il-kontenut dikjarat għandu jirreferi għal, kif adattat, il-kwantità preżenti b'mod naturali fejn xejn ma huwa miżjud jew, permezz ta' deroga mid-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 70/524/KEE, il-kwantità totali tas-sustanza preżenti b'mod naturali u l-ammont miżjud bħala addittiv.

5. Id-dikjarazzjonijiet rikjesti f'kolonna 4 bir-referenza 'jekk miżjud' huma obbligatorji fejn l-ingredjent jew l-addittiv ġew inkorporati jew miżjuda speċifikament sabiex jintlaħaq għan nutrittiv speċifiku.

6. Id-dikjarazzjonijiet li għandhom jingħataw skond kolonna 4 ta' Parti B dwar kostitwenti analitiċi w addittivi għandhom ikunu kwantitattivi.

7. Il-perjodu ta' użu rakkomandat indikat f'kolonna 5 ta' parti B jindika stima li fiha l-għan nutrittiv għandu normalment jintlaħaq.
Manufatturi jistgħu jirreferu għal perjodi ta' użu iktar preċizi, fil-limiti stabbiliti.

8. Fejn prodott ta' l-ikel huwa intiż sabiex jilħaq iktar minn għan nutrittiv partikolari wieħed, għandu jħares dak li hu mnizzel korrispondentement f'Parti B.

9. Fil-każ ta' prodotti ta' l-ikel kumplimentari intiżi għal raġunijiet nutrittivi partikolari għandu jiġi provdut fl-istruzzjonijiet għall-użu preżenti fit-tikketta.

PART B
List ta' kull uzu intiz

Ghan nutrittiv partikolari	Karatteristici nutrittivi essenzjali	Specje jew kategorija ta' annimali	Dikjarazzjonijiet fuq it-tikketta	Tul taz-zmien ghall-uzu rakkomandat	Provvedimenti ohra
Support tal-funzjoni renali f'kaz ta' insufficjenza renali kronika[1]	Livell baxx ta' fosforu u livell ristrett ta' proteina izda ta' kwalità gholja	Klieb u qtates	- Sors(i) ta' proteina - Kalcju - Fosforu - Potassju - Sodju - Kontenuti ta' *essential fatty acids* (jekk mizjud)	Inizjalment sa 6 xhur[2]	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'. Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'
Tkissir ta' gebel struviti[3]	- Karatteristici ta' acidifikazzjoni ta' urina, livell baxx ta' manjesju, u livell ristrett ta' proteina izda ta' kwalità gholja	Klieb	- Sors(i) ta' proteina - Kalcju - Fosforu - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - Sustanzi li jaghmlu l-urina aciduza	5 sa 12-il gimgha	Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.' Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
	- Karatteristici ta' acidifikazzjoni ta' urina, livell baxx ta' manjesju	Qtates	- Kalcju - Fosforu - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - *Taurine* totali - Sustanzi li jaghmlu l-urina aciduza		

Tnaqqis fil-prezenza mill-gdid ta' gebla struvita[3]	Karatteristici ta' li jaghmlu l-urina aciduza, livell baxx ta' manjesju	Klieb u qtates	- Kalcju - Fosforu - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - Sustanzi li jaghmlu l-urina aciduza	Sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Tnaqqis fil-formazzjoni ta' gebel *urate*	Livell baxx ta' *purines*, livell baxx ta' proteina izda ta' kwalità gholja	Klieb u qtates	Sors(i) ta' proteina	Sa 6 xhur izda uzu ghal hajja kollha f'kazijiet ta' disturb irriversibbli tal-metabolismu uriku acidu	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Tnaqqis fil-formazzjoni ta' gebel *oxalate*	Livell baxx ta' kalcju, livell baxx ta' Vitamina D u karatteristici li jaghmlu l-urina alkalina	Klieb u qtates	- Kalcju - Fosforu - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - Vitamina D totali - *Hydroxyproline* - Sustanzi li jaghmlu l-urina alkalina	Sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Tnaqqis fil-formazzjoni ta' gebel *cystine*	Livell baxx ta' proteina, livell moderat ta' amino acidi tas-sulfu u karatteristici li jaghmlu l-urina alkalina	Klieb u qtates	- Amino acidi tas-sulfu totali - Sodju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - Sustanzi li jaghmlu l-urina alkalina	Inizjalment sa sena	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'.

Tnaqqis fl-intolleranza ghal ingredjenti u nutrijenti[4]	- Sors(i) ta' proteina maghzula - Sors(i) ta' karboidrati maghzula	Klieb u qtates	- Sors(i) ta' proteina - Kontenuti ta' *essential fatty acids* (jekk mizjuda) - Sors(i) ta' karboidrati - Kontenuti ta' *essential fatty acids* (jekk mizjuda)	3 sa 8 gimghat: jekk sinjali ta' intolleranza ma jibqghux jidhru dan l-ikel jista' jintuza b'mod indefinit	-
Tnaqqis f'mard akut relatat ma' kemm jassorbi l-intestin	Livell mizjud ta' *electrolytes* u ingredjenti li huma facilment digestibbli	Klieb u qtates	- Ingredjenti li huma facilment digestibbli li jinkludi it-trattament taghhom jekk adattat - Sodju - Potassju - Sors(i) ta' sustanzi mucilagini (jekk mizjuda)	1 sa 2 gimghat	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: - 'Matul perjodi ta' u rkupru minn diarrhea akuta.' - 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Kumpens ghal digestjoni hazina[5]	Ingredjenti li huma facilment digestibbli u livell baxx ta' xaham	Klieb u qtates	Ingredjenti li huma facilment digestibbli li jinkludi it-trattament taghhom jekk adattat	3 sa 12-il gimgha izda ghal hajja kollha f'kaz ta' insufficjenza kronika tal-*pancreas*	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Support tal-funzjoni tal-qalb f'kaz ta' insufficjenza kardiaka kronika	Livell baxx ta' sodju u *K/Na ratio* mizjud	Klieb u qtates	- Sodju - Potassju - Manjesju - Sors(i) ta' karboidrati	Inizjalment sa 6 xhur Inizjalment sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'.
Regolazzjoni tar-rilaxx ta' glukosju (*Diabetis mellitus*)	Livell baxx ta' karboidrati li jirrilaxxaw glukosju malajr	Klieb u qtates	- Trattament ta' karboidrati jekk adattat - Lamtu - Zokkor totali - *Fructose* (jekk mizjud) - Kontenuti ta' *essential fatty acids* (jekk mizjud) - Sors(i) ta' katina ta' *fatty acids* qasir u medju (jekk mizjud)		Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'.

Support tal-fwied f'kaz ta' insufficjenza tal-fwied kronika	Proteina ta' kwalità gholja, livell moderat ta' proteina, livell gholi ta' *essential fatty acids* u livell gholi ta' karboidrati facilment digestibbli	Klieb	- Sors(i) ta' proteina - Kontenuti ta' *essential fatty acids* - Karboidrati facilment digestibbli li jinkludi t-trattament taghhom jekk adattat - Sodju - Comb totali	Inizjalment sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'. Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'
	Proteina ta' kwalità gholja, livell moderat ta' proteina u livell gholi ta' *essential fatty acids*	Qtates	- Sors(i) ta' proteina - Kontenuti ta' *essential fatty acids* - Sodju - Comb totali	Inizjalment sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'. Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'
Regolazzjoni tal-metabolizmu lipidu f'kaz ta' *hyperlipidaemia*	Livell baxx ta' xaham u livell gholi ta' *essential fatty acids*	Klieb u qtates	- Kontenuti ta' *essential fatty acids* - Kontenuti ta' n-3 *fatty acids* (jekk mizjud)	Inizjalment sa xahrejn	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'.
Tnaqqis ta' Comb fil-fwied	Livell baxx ta' Comb	Klieb	Comb totali	Inizjalment sa 6 xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu'.
Tnaqqis ta' piz zejjed	Densita' ta' energija baxxa	Klieb u qtates	Valur energetiku (ikkalkulat skond il-metodu KE)	Sakemm il-piz mixtieq jintlahaq	Fl-istruzzjonijiet ghall-uzu ghandu jigi rakkomandat l-ammont adattat li ghandu jittiehed kuljum

Ristorazzjoni nutrizzjonali, konvalexxenza[6]	Densità energetika gholja, Koncentrazzjonijiet gholja ta' nutrijenti essenzjali u ingredjenti facilment digestibbli	Klieb u qtates	- Ingredjenti facilment digestibbli, inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Valur energetiku (kalkulat skond il-metodu KE) - Kontenut ta' n-3 u n-6 *fatty acids* (jekk mizjud)	Sakemm tintlahaq ir-ristorazzjoni	F'kaz ta' prodotti ta' l-ikel specifikament prezentati sabiex jinghataw permezz ta' tubu, indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Amministrazzjoni taht supervizjoni veterinarja'
Sostenn ghall-funzjoni tal-gilda f'kaz ta' *dermatosis* u telf ta' xaghar eccessiv	Livell gholi ta' *essential fatty acids*	Klieb u qtates	Kontenut ta' *essential fatty acids*	Sa xahrejn	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.
Tnaqqis tar-riskju ta' deni fil-halib	- Livell baxx ta' kalcju u/jew - *Ratio* baxx ta' *cations/anions*	Baqar tal-halib	- Kalcju - Fosforu - Manjesju - Kalcju - Fosforu - Sodju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu	1 sa 4 gimghat qabel twelled ghogol	Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ieqaf itma' wara li twelled'.
Tnaqqis fir-riskju ta' *ketosis*[78]	Ingredjenti li jipprovdu sorsi ta' energija gluko-genika	Baqar tal-halib u moghoz	- Ingredjenti li jipprovdu sorsi ta' energija gluko-genika - *Propane-1,2-diol* (jekk mizjud bhala prekursur tal-glukosju) - *Glycerol* (jekk mizjud bhala prekursur tal-glukosju	3 sa 6 gimghat wara li twelled ghogol[9] L-ahhar 6 gimghat qabel u l-ewwel 3 gimghat wara li twelled gidi[10]	

Tnaqqis fir-riskju ta' tetanu (*hypomagnesaemia*)	Livell gholi ta' manjesju, karboidrati facilment accessibli, livell moderat ta' proteina u livell baxx ta' potassju	Ruminanti	- Lamtu - Zokkor totali - Manjesju - Sodju - Potassju	3 sa 10 gimghat matul perjodi meta l-haxix jikber malajr	Fl-istruzzjonijet ghall-uzu gwida ghandha tinghata fuq il-bilanc ta' razzjon ta' kuljum, fir-rigward ta' l-inkluzjoni ta' fibra u sorsi ta' energija facilment acceessibli. Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-ovini indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Specjalment ghall-moghoz li qed ireddghu.'
Tnaqqis fir-riskju ta' acidosi	Livell baxx ta' karboidrati facilment fermentabbli u kapacita' gholja ta' *buffering*	Ruminanti	- Lamtu - Zokkor totali	Massimu ta' xahrejn[11]	Fl-istruzzjonijet ghall-uzu gwida ghandha tinghata fuq il-bilanc ta' razzjon ta' kuljum, fir-rigward ta' l-inkluzjoni ta' fibra u sorsi ta' karboidrati facilment fermentabbli. Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-baqar tal-halib indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Specjalment ghall-baqar li jaghtu hafna.' Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghal ruminanti ghat-thaxxin indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Specjalment ghal …..mitmugha b'mod intensiv'[12]
Stabilizzar tal-bilanc bejn ilma w elettroliti	L-aktar elektroliti u karboidrati facilment assorbibli	Ghogol Hniezer zghar Nghag *Kids* *Foals*	- Sors(i) ta' karboidrati - Sodju - Potassju - *Chlorides*	1 sa 7 ijiem (1sa 3 ijiem jekk mitmugh eskluzivament)	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: - 'Fil-kaz ta' riskju ta', matul perjodi ta', jew rkupru minn mard digestiv (diarrhea)' - 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu'.

Tnaqqis fir-riskju ta' kalkul urinarja	Livell baxx ta' fosforu, manjesju u karatteristici li jaghmlu l-urina aciduza	Ruminanti	- Kalcju - Fosforu - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Sulfu - Sustanzi li jaghmlu l-urina aciduza	Sa 6 gimghat	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Specjalment ghal annimali zghar mitmugha b'mod intensiv.' Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'
Tnaqqis fir-reazzjonijiet ghall-istress	- Livell gholi ta' manjesju u/jew - Ingredjenti facilment digestibbli	Hniezer	Manjesju - Ingredjenti facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Kontenut ta' n-3 *fatty acids* jekk mizjud	1 sa 7 ijiem	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjoni meta l-uzu ta' dan il-prodott tal-ikel ikun adattat.
Stabilizzar fid-digestjoni fisjologika	- Kapacita' baxxa ta' *buffering* u ingredjenti facilment digestibbli	Hniezer zghar	- Ingredjenti facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Kapacita' ta' *buffering* - Sors(i) ta' sustanzi astringenti (jekk mizjud) - Sors(i) ta' sustanzi mucilagini (jekk mizjud)	2 sa 4 gimghat	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Fil-kaz ta' riskju ta', matul perjodi ta', jew rkupru minn, taqlib digestiv.'
	- Ingredjenti facilment digestibbli	Hniezer	- Ingredjenti facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Sors(i) ta' sustanzi astringenti (jekk mizjud) - Sors(i) ta' sustanzi mucilagini (jekk mizjud)		

Tnaqqis fir-riskju ta' stitikezza	Ingredjenti li jistimulaw l-passagg intestinali	Hniezer nisa	Ingredjenti li jistimulaw l-passagg intestinali	10 sa 14-il jum qabel u 10 sa 14-il jum wara li twelled	-
Tnaqqis fir-riskju tas-sindromu ta' fwied mxahham	Energija baxxa u proprozjon gholi ta' energija li tista' tigi metabolizzata minn lipidi b'livell gholi ta' *polyunsaturated fatty acids*	Tigieg li jbidu	- Valur energetiku (kalkulat skond il-metodu KE) - Percentwali ta' energija li tista' tigi metabolizzata minn lipidi - Kontenut ta' *polyunsaturated fatty acids*	Sa 12-il gimgha	-
Kumpens ghal assorbiment hazin	Livell baxx ta' *saturated fatty acids* u livell gholi ta' vitamini solubili fix-xaham	Tjur eskluzi wizz u hamiem	- Percentwali ta' *saturated fatty acids* meta mqabbel ma' *fatty acids* totali - Vitamina A totali - Vitamina D totali - Vitamina E totali - Vitamina K totali	Matul l-ewwel gimghatejn wara li jbidu	-
Kumpens ghal insufficjenza kronika tal-funzjoni tal-musrana z-zghira	- Karboidrati, proteini u xahmijiet li huma facilment digestibbli qabel ma jaslu fil-musrana l-ghamja	Zwiemel[13]	Sors(i) ta' karboidrati, proteini u xahmijiet facilment digestibbli, inkluz it-trattament taghhom jekk adattat	Inizjalment sa sitt xhur	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjonijiet meta uzu tal-prodott tal-ikel huwa adattat u l-mod kif ghandu jigi mitmugh inkluz hafna ikliet zghar kull gurnata. Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu.'
Kumpens ghal insufficjenza kronika tal-funzjoni tal-musrana z-zghira	- Fibra facilment digestibbli	Zwiemel	- Sors(i) ta' fibra - Kontenut ta' n-3 *fatty acids* (jekk mizjud)	Inizjalment sa sitt xhur	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjonijiet meta uzu tal-prodott tal-ikel huwa adattat u l-mod kif ghandu jigi mitmugh.

					Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu.'
Tnaqqis fir-reazzjonijiet ghall-istress	- Ingredjenti facilment digestibbli	Zwiemel	- Manjesju - Ingredjenti facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Kontenut ta' n-3 *fatty acids* (jekk mizjud)	2 sa 4 gimghat	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjonijiet precizi meta l-uzu tal-prodott ta' l-ikel huwa adattat
Kumpens ghat-telfien ta' elettroliti f'kazijiet ta' hafna gharaq	L-aktar elettroliti u karboidrati facilment assorbibbli	Zwiemel	- Kalcju - Sodju - Manjesju - Potassju - *Chlorides* - Glukosju	1 sa 3 ijiem	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjonijiet meta l-uzu tal-prodott tal-ikel huwa adattat Meta l-prodott tal-ikel jikkorispondi ma' parti sinifikanti ta' razzjon ta' kuljum, ghandha tinghata gwida sabiex jigi prevenut ir-riskju ta' tibdil f'salt fin-natura ta' l-ikel Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'
Ristorazzjoni nutrittiv, konvalexxenza	Koncentrazzjoni gholja ta' nutrijenti essenzjali w ingredjenti facilment digestibbli	Zwiemel	- Ingredjenti facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Kontenut ta' n-3 u n-6 *fatty acids* (jekk mizjud)	Sakemm tigi milhuqa r-restorazzjoni	Ghandha tinghata gwida fuq is-sitwazzjonijiet meta l-uzu tal-prodott tal-ikel huwa adattat F'kaz ta' prodotti tal-ikel specifikament prezentati sabiex jinghataw permezz ta' tubu, indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Amministrazzjoni taht supervizjoni veterinarja'

Sostenn tal-funzjoni tal-fwied f'kaz ta' insufficjenza kronika tal-fwied	Livell baxx ta' proteina izda ta' kwalità gholja u karboidrati facilment digestibbli	Zwiemel	- Sorsi ta' proteina u fibra - Karboidrati facilment digestibbli inkluz it-trattament taghhom jekk adattat - Metjonin - *Choline* - Kontenut ta' n-3 fatty acids (jekk mizjud)	Inizjalment sa sitt xhur	Ghandha tinghata gwida fuq il-mod kif l-ikel ghandu jigi mitmugh inkluz hafna ikliet zghar kull gurnata Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel ma jigi mtawwal il-perjodu ta' l-uzu.'
Sostenn tal-funzjoni tal-kliewi f'kaz ta' insufficjenza kronika tal-kliewi	Livell baxx ta' proteina izda ta' kwalità gholja u livell baxx ta' fosforu	Zwiemel	- Sors(i) ta' proteina - Kalcju - Fosforu - Potassju - Manjesju - Sodju	Inizjalment sa sitt xhur	Indika fuq il-pakkett, kontenitur jew tikketta: 'Huwa rakkomandat illi tinkiseb l-opinjoni ta' veterinarju qabel l-uzu jew qabel jigi estiz il-perjodu ta' l-uzu.' Indika fl-istruzzjonijiet ghall-uzu: 'Ghandu jkun hemm l-ilma f'kull hin.'

(1) Jekk adattat il-manifattur jista' jirrakkomanda wkoll uzu ta' insufficjenza renali temporanja.
(2) Jekk il-prodott tal-ikel huwa rakkomandat ghal insufficjenza renali temporanja l-perjodu ghall-uzu rakkomandat ghandu jkun 2 sa 4 gimghat.
(3) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-qtates, '*feline lower urinary tract disease*' jew '*feline urological syndrome — F.US.*' jista' jikkompleta l-ghan nutrittiv partikolari.
(4) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghal intolleranza partikolari riferenza ghal intolleranza specifika tista' tiehu post 'ingredjent u nutrijent'.
(5) Il-manufattur jista' jikkompleta l-ghan nutrittiv partikolari bir-riferenza: '*exocrine pacretic insufficiency*'.
(6) Fil-kaz tal-prodott ta' l-ikel ghall-qtates, il-manifattur jista' jikkompleta l-ghan nutrittiv partikolari bir-riferenza ghal '*Feline hepatic lipidosis*'.
(7) It-terminu 'ketosi' jista' jitbiddel b'*acetonaemia*'.
(8) Il-manifattur jista' jirrakkomanda wkoll l-uzu ghall-irkupru tal-ketosi.
(9) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-baqar tal-halib.
(10) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-moghoz.
(11) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel ghall-baqar tal-halib: 'massimu xahrejn mill-bidu tat-treddigh'.
(12) Indika l-kategorija ta' ruminanti koncernati.
(13) Fil-kaz ta' prodotti tal-ikel preparati specjalment sabiex jintlahqu kundizzjonijiet specifici ta' annimali xjuh hafna (ingredjenti facilment ingestiti) riferenza ghal 'annimali xjuh' ghandha tikkompleta l-indikazzjoni tal-ispecje jew kategorija ta' l-annimali.